- *UZUFRUTT-*
- *APPREZZAMENT TA' PROVI –*
- *CERTEZZA MORALI -*
- *MIN JALLEGA JRID JIPPROVA; ART 562 KAP 12 –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 346/95/RCP**

**Maria Stella Borg**

**vs**

**Joseph u Georgina konjugi Cassar**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-27 ta' Gunju 1983 mietet Maria Rosa Borg, oht l-attrici, b'testment tal-21 ta' Jannar 1993 atti Nutar Maurice Gambin;

Illi skond dan it-testment il-konvenuti gew nominati eredi universali u proprjetarji tal-imsemmija testatrici mentri l-attrici giet imhollija u uzufruttwarja tal-gid kollu ta' ohtha;

Illi fil-pussess tal-konvenuti hemm bosta hwejjeg kompriz flejjez u libretti bankarji li kienet tippossjedi d-decujus f'mewtha li nonostante diversi interpallazzjonijiet il-konvenuti naqsu li jirrestitwixxu lill-attrici biex dawn jigu goduti minnha skond il-ligi.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-pussess tal-konvenuti hemm bosta hwejjeg appartenenti lid-defunta Maria Rosa Borg li dwarhom l-attrici ghandha *'ope testamentis'* id-dritt tal-uzufrutt a tenur tat-testment tal-21 ta' Jannar 1993 atti Nutar Maurice Gambin;

(2) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess konvenuti qed izommu l-istess hwejjeg kontra l-volonta' tal-attrici bi pregudizzju ghall-jedd taghha ta' godiment;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenuti jirrestitwixxu lill-attrici l-hwejjeg kollha, komprizi flus u libretti bankarji, flimkien mal-

frutti taghhom, b'effett mid-data tal-mewt tal-imsemmija testatrici;

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar 1995 u tal-ittri legali tad-9 ta' Novembru 1994 u tad-9 ta' Frar 1995 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 *et seq* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 12 fejn eccepew :-

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-eccipjenti kkonsnejaw lill-attrici l-effetti kollha li hi intitolata ghalihom '*ope testamentis'* a tenur tat-testment tal-21 ta' Jannar 1993 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin hlief ghal certifkat Numru 1084 dwar Loan Stock li l-attrici ripetutament irrifjutat li taccetta.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti a fol. 13 tal-process.;

Rat il-verbali tas-6 ta' Ottubru 1995; tal-24 ta' Jannar 1996 fejn il-Qorti ordnat lill-attrici tipprezenta nota deskrittiva tal-beni soggetti ghall-uzufrutt taghha;

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha ezebiet l-affidavit kontenenti x-xhieda taghha datat 14 ta Frar 1996 a fol. 18 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 1996;

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha ezebiet l-affidavit ta' Lawrence Cefai;

Rat il-verbali tas-seduta tal-10 ta' Gunju 1996; tas-17 ta' Jannar 1997; tal-11 ta' Gunju 1997 fejn xehed in-Nutar Dr. Maurice Gambin; tad-19 ta' Novembru 1997; tat-23 ta' Frar 1998; tat-18 ta' Mejju 1998 fejn Dr. Philip Sciberras iddikjara illi kien qed jirrinunzja ghax-xhud Giuseppe Panzavecchia u ddikjara li f'dak l-istadju m'ghandux provi aktar; tal-20 ta' Novembru 1998 u tas-16 ta' Dicembru 1998;

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha ezebew l-affidavits taghhom;

Rat il-verbali tas-seduta tal-25 ta' Jannar 1999; tat-8 ta' Ottubru 1999; tat-3 ta' Marzu 2000; tat-28 ta' April 2000; tat-23 ta' Gunju 2000; tad-29 ta' Novembru 2000; tas-27 ta' Frar 2001; tal-25 ta' April 2001; tal-4 ta' Lulju 2001 fejn xehdu Joseph Cassar, Georgina Cassar u Lawrence Cefai. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u tas-26 ta' Novembru 2001;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' April 2002;

Rat ir-risposta tal-konvenuti ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attrici tallega li fis-27 ta' Gunju 1983 mietet Maria Rosa Borg, oht l-attrici, b'testment tal-21 ta' Jannar 1993 atti Nutar Maurice Gambin; u li skond dan it-testment il-konvenuti gew nominati eredi universali u proprjetarji tal-imsemmija testatrici mentri l-attrici giet imhollija uzufruttwarja tal-gid kollu ta' ohtha; dan ma huwiex kontestat mill-partijiet.

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li fis-27 ta' Gunju 1993 mietet Maria Rosa Borg, oht l-attrici, li b'testment tal-21 ta' Jannar 1993 u effettivament halliet lill-konvenuti bhala eredi universali u proprjetarji taghha mentri l-attrici giet imhollija uzufruttwarja tal-gid kollu t'ohtha. Illi l-attrici pero' ghamlet din il-kawza stante li qed tallega li hemm bosta hwejjeg appartenenti lid-defunta ohtha fil-pussess tal-konvenuti u li huma soggetti

ghall-istess uzufrutt favur taghha li ma gewx ikkonsenjati lilha ghat-tgawdija taghha skond il-ligi.

Illi l-konvenuti jichdu din l-allegazzjoni peress li jsostnu li huma kkonsenjaw lill-attrici l-effetti kollha li hi ntitolata ghalihom *"ope testamentis"* hlief ghac-certifikat dwar Loan Stock li hija ripetutament irrifjutat li taccetta. Illi ghalhekk dan huwa il-mertu tal-kwistjoni odjerna, fis-sens tal-azzjoni attrici.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Maria Stella Borg** spjegat li f'Jannar 1993 hija u ohtha marru joqghodu Hal Qormi f'St.Ursola, Mdina Road biex il-konvenut ikun jista' jiehu hsiebhom. F'dak ix-xahar ohtha ghamlet testment u hames (5) xhur wara mietet. Wara mewtha l-konvenuti hadu lill-attrici toqghod maghhom u baqghet hemm ghal xi xahrejn. Maghha hadet baskett li fih kellha mas-Lm6,000 flus kontanti u d-deheb kollu taghha u t'ohtha. Meta f'Awissu 1993 qaltilhom li ma xtaqitx toqghod aktar maghhom, hija qalet li talbithom il-basket bil-flus u d-deheb izda l-konvenut qalilha li kien se jaghtiha l-basket izda kien ser izomm il-flus u d-deheb. Lanqas il-ktieb tal-bank ma taha. Ghalkemm talbithomlu hafna drabi baqa' ma tahomliex lanqas wara li l-avukat baghatlu ittra ufficjali. Hija spjegat kif imbaghad spiccat toqghod ghand zija tal-konvenut certu Teresa Cassar u kif din spiccat iggieldet maghha. Darba fil-fatt telqet u marret ghand qassis u fl-ahhar spiccat biex gabruha l-pulizija. Dakinhar marru Helen Grech u zewgha li haduha maghhom. Wara rrangawlha biex tidhol id-dar tal-anzjani fl-Imtarfa.

Ix-xhud kompliet ukoll li f'Novembru 1994 bl-intervent ta' Lawrence Cefai l-konvenut ghaddielha ammont ta' oggetti mnizzla f'Dok. "MSB6" (a fol.28 tal-process). Hija qalet ukoll li meta kienet ghadha mal-konvenuti haduha ghand Nutar biex tiffirma xi haga li kien il-kuntratt li permezz tieghu l-konvenuti bieghu l-post ta' ohtha fir-Rabat. Ghalkemm hija kellha l-uzufrutt issostni li m'ghaddewlha xejn mill-flus li dahhlu biex tkun tista' tiehu l-imghaxijiet taghhom. Ghalkemm fl-ittra tal-avukat taghhom (Dok.MSB3 a fol.25 tal-process) qalulha li se jiddepositaw ir-rikavat ta' dak il-bejgh, sal-lum ghadhom la ghaddewlha l-ktieb tal-Bank u lanqas tawha taghrif dwar meta tkun tista' tigbor l-interessi. Inoltre' hija elenkat diversi oggetti li skond hija huma fil-pussess tal-istess konvenuti.

Illi **Lawrence Cefai** fl-affidavit tieghu tal-24 ta' Mejju 1996, xehed li ilu jaf lill-attrici u lil ohtha snin twal. Ir-Rabat kienu girien. Hu qal li l-mejta kienet talbitu biex jiehu hsiebhom izda kien qalilha li ma setax. Imbaghad spjega kif sabet diversi familji biex jiehdu hsiebhom. Kull darba li kienet issib lil xi hadd jiehu hsiebha kienet taghmel testment. Huwa ghamel xahrejn jorqod ghandhom meta miet huhom. Spjega wkoll li l-konvenuti ma riedux jitilghu r-Rabat imma riedu jghinuhom isibu post hdejhom Hal-Qormi. Il-mejta ghamlet testment fejn halliethom werrieta u halliet lil ohtha uzufruttwarja. Imbaghad xehed a bazi ta' dak li qaltlu l-attrici dwar x'gara meta kienet marret toqghod ghandhom u ghand Teresa Cassar. Spjega wkoll li kien huwa li rrangalha biex tibda toqghod fid-dar ta' l-anzjani fl-Imtarfa.

Darba kien cempillu Joseph Cassar biex imur jiehu xi hwejjeg li l-attrici kellha ghand zitu. L-oggetti li ha huma dettaljati fl-inventarju li gie esebit mill-attrici. Wara din l-okkazjoni l-konvenut rega' cempillu u qallu biex imur jirtira xi ghamara tal-attrici li kien qed izomm f'garaxx li kien qed ihallas il-kera ghalih. Huwa nizel ghalihom bit-trukk u ha l-ghamara li tah. Fl-ahharnett qal li l-konvenuta kienet widdbitu bosta drabi fuq it-*telephone* biex hadd ma jiftah ghajnejn Stella.

In kontro-ezami qal li Stella ghamlitu prokuratur taghha. Qal ukoll li l-kundizzjoni mentali taghha hija li hi naqra wahda semplici. Xehed li hu minnu li certi affarijiet li qal fl-affidavit jafhom ghax qaltlu l-attrici pero' huwa a konoxxenza taghhom personalment. Rigward il-basket, jaf li kellha wiehed imma huwa qatt ma ra l-kontenut tieghu. Rigward l-ghamara li gab xehed li l-kamra tal-pranzu u l-grand-father clock li xtara bi flus il-mejta ghadhom ghand il-konvenuti. Huwa qal li nizel darbtejn ghall-ghamara. Fuq il-ktieb tal-Bank kien kellem lill-konvenut u dan kien qallu li kien tilfu meta garrew. Mhux minnu li qatt offrielu l-ktieb tal-bank. Qatt ma rah b'ghajnejh.

Illi xehed ukoll **in-Nutar Dr.Maurice Gambin** fis-seduta tal-11 ta' Gunju 1997 li kien in-Nutar tal-fiducja tal-mejta ghall-ahhar 10 snin qabel mietet. F'dawk is-snin hija ghamlet bosta testmenti fl-atti tieghu. Bl-ahhar wiehed li ghamlet cioe' dak tal-21 ta' Jannar 1993 il-mejta hassret it-testmenti kollha ta' qabel u ddikjarat illi trid illi l-wirt taghha jigi regolat skond dan l-ahhar testment. F'dan it-testment hija halliet lil

ohtha uzufruttwarja u lill-konvenuti bhala eredi w inkiteb meta l-istess konvenuti kienu prezenti.

Illi **Joseph Cassar** fl-affidavit tieghu tal-11 ta' Novembru 1999 a fol. 75 tal-process cahad hafna affarijiet li qalet l-attrici fix-xhieda taghha. In fatti rigward il-basket bil-flus u d-deheb sostna li la huwa u lanqas martu qatt ma missuh. L-attrici kienet tigri bih kull fejn tkun peress li ma kienet tafdah ma hadd. B'hekk jichad li zammu ghandu. Rigward il-ktieb tal-bank huwa xehed li mar jaghtihulha personalment izda hi bdiet toffendih u telqet tigri. Qal ukoll li meta marru flimkien ghand in-Nutar dan spjegalha illi hi kienet qed tiffirma sabiex tbiegh sehemha li kien l-uzufutt li hallitilha ohtha u hi accettat u ffirmat. Inoltre' qal illi Lawrence Cefai mar tlett darbiet bi trakk u garr kollox hlief it-television.

In kontro-ezami tal-4 ta' Lulju 2001 xehed li l-attrici damet toqghod mieghu qisu sena u imbaghad baghtha ghand zija tieghu xebba peress li ma setax izommha aktar. Meta kienet toqghod ghandu ma kienitx thallsu. Huwa qal li taha kollox inkluz il-ktieb tal-Bank u dan tramite Lawrence Cefai. Qatt ma kkontribwiet ghandu u meta kienet ghand zitu ftehmu li gimgha ssajjar hi u gimgha l-ohra. Rigward il-flus tal-post mibjugh il-konvenut qal li tefawhom il-Bank. Il-kapital qieghed fuq ismu u ghalkemm mar biex itiha l-imghax izda hija bdiet toffendieh u huwa telaq jigri 'l barra. Il-konvenut qal li ghamara ghandu ma fadalx hlief it-television. Cahad li l-basket qieghed fil-pussess tieghu.

Illi **Georgina Cassar**, mart il-konvenut, bl-affidavit taghha tal-11 ta' Jannar 1999, a fol. 76 tal-process, ikkonfermat dak li qal zewgha fl-affidavit tieghu. In kontro-ezami fil-4 ta' Lulju 2001 qalet illi il-ktieb tal-Bank hallietu f'idejn ir-ragel. Hi ma tafx kif dan il-ktieb gie f'idejhom. Dwar il-flus tal-post li inbiegh ma tafx x'sar minnhom. Il-basket dejjem ghandha kien ikun. Meta hadu l-ghamara hija kienet prezenti u kienu ghamlu lista tal-ghamara li ttiehdet.

Illi mill-provi prodotti jirrizultaw provi konfliggenti. Filwaqt li l-attrici ssostni li l-konvenuti ghandhom fil-pussess taghhom diversi oggetti li hija suppost qed tgawdi l-uzufrutt taghhom, huma jsostnu li ghandhom fadlilhom biss it-television u xejn aktar. Dan apparti c-certifikat dwar Loan Stock imsemmi fl-eccezzjonijiet taghhom li skond huma l-attrici ripetutament irrifjutat li taccetta.

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ssottomettiet l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li f'sitwazzjoni bhal dik odjerna huwa applikabbli l-kriterju generali tac-certezza morali tal-gudikant, li in verita' huma applikabbli f'kull kaz fejn irid issir apprezzament tal-provi. Infatti fis-sentenza **"Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino, C.B.E. noe"** (App.Kumm. 25 ta' Frar 1952, Vol.XXXVI.i.319) inghad illi :-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U*

*dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Illi xorta kollha dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-oneru tal-prova tal-allegazzjonijiet attrici jinkombu lill-istess attrici, stante li huwa principju ben assodat li l-prova tal-fatt imiss lil min jallegah *ai termini* tal-**artikolu 562 tal-Kap 12.**

Illi l-attrici qed isostni li l-oggetti li kienu u huma soggetti ghall-uzufrutt taghha huma is-segwenti u dan skond l-affidavit taghha a fol. 18 sa 22 tal-process:-

(a) Flus u deheb li kienu f'baskett fil-pussess taghha meta mietet id-*decujus* Maria Rosa Borg, li hija stess kienet kkonsenjat lill-konvenuti meta marret toqghod ghandhom, u li l-konvenuti rrifjutaw li jirrifondu lilha.

(b) Kiteb tal-Bank li kien jikkonsisti f'stg. 2,056.05 United Mexian States 16½ Loan Stock 2008, li tieghu esebit *'dividend payment'.* (Dok. "MSB 1").

(c) Ghamara li ma gietx kkonsenjata lill-attrici apparti l-effetti indikati fl-iskrittura ral-24 ta' Novembru 1994, iffirmata li tinsab esebita a fol. 28 tal-process bhala Dok. "MSA 6". Dawn jinkludu t-t.v. set, kamra tal-pranzu tal-kewba kompluta, grandfather clock, arlogg antik bil-bozza, u b'vazuni tal-hgieg mieghu, zewg statwetti kbar tac-ceramika, sett tal-fajjenza, platti u tazzi (cirka 80 bicca) tapit kbir, lozor, zewg siggijiet tal-entrata miksija bl-incarata

kannella, zewg bureau tal-kewba, wiehed kbir u l-iehor zghir, purtieri, banju taz-zingu bl-istatwetti, corner tal-kewba, bjankerija, sett tal-ghamara tal-ikel (mejda, side-board, sitt siggijiet u vetrina) u cirka 40 diski tal-kant u ghana Maltija.

(d) Il-flus li huma kienu dahhlu mill-bejgh tal-post 58 u 58 A, Gorg Borg Oliver Street, Rabat, li inbiegh b'kuntratt tal-1 ta' Frar 1994 li inbiegh bil-prezz ta' Lm12,000, li kellhom jithallsu b'rati mensili ta' Lm500 il-wiehed, li dwarhom il-konvenuti informaw lill-attrici li kienu ser jiddepositaw l-istess f'kont fil-Bank of Valletta, sabiex l-attrici tkun tista' tiehu l-imghax fuq l-istess u dan skond ittra legali datata 2 ta' Frar 1995 u esebita bhala Dok. "MSB 3" a fol. 25 tal-process.

Illi fl-ewwel lok huwa minnu dak li sostniet l-attrici li l-konvenuti ma tawhiex l-imghax tar-rikavat tal-post mibjugh. Hawnhekk jinghad li fl-ittra tat-2 ta' Frar 1995 (Dok.MSB3 a fol. 25) il-konvenuti kitbulha li kienu se jiddepozitaw ir-rikavat, wara li jinqatghu l-ispejjez, f'kont halli hija tkun tista' tiehu l-imghaxijiet relattivi. Prova li sar dan ma ngabitx. Anzi rrizulta, u dan kif anki konfermat mill-konvenuti stess, li l-attrici qatt ma hadet l-imghaxijiet. Il-konvenut xehed li huwa mar biex itihomlha pero' hi bdiet toffendih u telaq. Izda jinghad illi li kieku dan hu minnu ‚seta' kieku verament kellu l-volonta' li jghaddilha dak li hu bid-dritt taghha, anki jsib metodi ohra bhal per ezempju jiddepozithom il-Qorti jibghat *cheque* jew *bank draft* tal-istess, jew tramite Lawrence Cefai li mar anki ghall-ghamara tal-attrici

ovvjament dejjem kontra d-debita ricevuta. Jidher li l-konvenuti ma ghamlu xejn minn dan u din il-parti tal-allegazzjoni attrici tinsab ppruvata anke in vista tal-kontradizzjonijiet li hemm fix-xhieda tal-istess konvenuti meta imqabbla ma xulxin, u tal-istess konvenut. Illi dwar dan il-punt l-istess konvenuti, li l-Qorti osservathom anke jixdhu quddiema, kienu evasivi u x-xhieda taghhom, dejjem f’dan ir-rigward xejn ma kienet konvincenti, tant li lanqas qatt ma indikaw l-kont tal-bank li suppost fih hemm ir-rikavat tal-bejgh tal-istess fond, fejn suppost li hemm l-imghax dovut lill-konvenuta; dan nonostante l-ittra tal-konsulent legali taghhom tat-2 ta’ Frar 1995, fejn jinghad li fit-3 ta’ Frar 1995 kellu jsir mill-konvenuti l-istess depozitu ta’ flus f’kont bankarju.

Illi wkoll rigward il-librett tal-Bank il-verzjonijiet li nghataw kienu differenti. Fl-eccezzjonijiet u fl-affidavit il-konvenuti sostnew li l-attrici ripetutament irrifjutatu. B’hekk huwa pratikament ammess li dan huwa fil-pussess taghhom. Prova dwar dan ukoll qatt ma ressqu anki jekk xehdu li kellhom xhieda biex jikkonfermaw il-fatt tal-offerta u tal-incident fejn hi offendiethom. Min-naha l-ohra Lawrence Cefai, in kontro-ezami, baqa’ jsostni li mhux biss qatt ma wrewh ktieb tal-Bank talli l-konvenut qallu li dan kien intilef waqt li kienu qed igorru.

Illi anke f’dan il-kuntest ix-xhieda tal-konvenuti lanqas hija konvincenti u hija addirittura kontradittorja, stante li filwaqt li ghall-ewwel sostnew li l-attrici kienet irrifjutat l-istess, fix-xhieda tal-konvenut huwa insista li dan il-librett gie moghti

lill-attrici li ma accettatux; wara pero` qal li ghaddieh lill-istess Lawrence Cefai, fatt li huwa ghal kollox ikkontestat mill-istess xhud, u fil-fatt ma ingabet ebda prova ta' din il-konsenja tal-librett lill-istess xhud, tant li ma giet esebita l-ebda ricevuta, a differenza ta' meta gew kkonsenjati xi mobbli lill-attrici stess kif jirrizulta mill-iskrittura tal-24 ta' Novembru 1994.

Illi dwar is-Lm6,000 fi flus kontanti u l-oggetti tad-deheb li kien hemm allegatament fil-basket li kienet izomm maghha l-attrici, hija ssostni li dawn hadithom maghha fil-basket meta hija marret ghand il-konvenuti, pero' meta ma baqghetx toqghod maghhom hija hadet biss il-basket vojt. Illi fuq dan il-punt hija, fl-opinjoni ta' din il-Qorti x-xhieda tal-attrici li ma hijiex konvincenti, apparti li tali xhieda ma hija kkoroborata bl-ebda mod, u dan qed jinghad stante li x-xhieda ta' Lawrence Cefai f'dan ir-rigward ma hijiex wahda li din il-Qorti tista' toqghod fuqha, u dan peress li huwa personalment x'kien fih l-istess basket ammetta li huwa qatt ma rah, u dan apparti l-fatt li meta tkellem fuq flejjes huwa semma is-somma ta' Lm18,000 li l-attrici stess qatt ma semmiet lanqas fl-affidavit taghha, u dan jirrendi ix-xhieda tieghu fuq dan il-punt, mhux kredibbli u lanqas verosimili. Illi min-naha l-ohra l-konvenuti fuq dan il-punt kienu konsistenti u kategorici, u dejjem u konsistentement sostnew li dawn l-effetti, li allegatament kienu fl-imsemmi basket, qatt ma rahom u qatt ma kienu fil-pussess taghhom u ghalhekk fuq dan il-punt jirrizulta li l-istess flus u oggetti tad-deheb qatt ma kienu u lanqas qeghdin b'xi mod fil-pussess tal-konvenuti. Illi ghalhekk dwar dan il-punt ix-

xhieda attrici ma jidhirx li hija verosimili, u wisq inqas ippruvata.

Illi inoltre' dwar l-ghamara u mobbli l-konvenuti xehdu li ghandhom biss televizjoni fil-pussess taghhom. L-attrici fl-affidavit taghha xehdet li l-konvenut (apparti l-ktieb tal-Bank u l-baskett bid-deheb u l-flus) zamm l-ghamara u l-kumplament tal-affarijiet hemm minnha elenkati. Hija pproduciet ukoll lista ta' affarijiet li Lawrence Cefai gabar minghand il-konvenut (Dok. "MSB 6" a fol.28 tal-process) u li hija ffirmata minnu stess, pero' ma ingabet ebda prova sabiex tissonstanzja l-istess hlief ghal dak li jirrigwarda l-kamra tal-pranzu u l-grand-father clock, li skond Lawrence Cefai kien xtrahom bil-flus tal-mejta, u li kien ghadhom ghand il-konvenuti. Illi fuq dan il-punt din il-Qorti thoss li x-xhieda tal-attrici giet minnha ippruvata bil-korroborazzjoni tal-istess Lawrence Cefai biss ghar-rigward l-istess mobbli konsistenti fil-kamra tal-pranzu u l-istess grand father clock, u dawn kienu fil-pussess tal-konvenuti, u sallum qatt ma gew moghtija lill-attrici in virtu tad-dritt tal-uzufrutt fuq l-istess. Mill-bqija l-ezistenza tal-oggetti l-ohra u aktar importanti il-pussess tal-konvenuti dwar l-istess ma gietx bl-ebda mod ippruvata mill-attrici, ghalkemm jinghad li hadd mill-partijiet, u in partikolari l-konvenuti, qatt ma elenkaw fhiex kien jikkonsisti l-assi ereditarju tal-istess konvenuta, u l-effetti li kienu jikkomponu l-istess. Tali prova kienet qabel xejn tispetta lill-attrici, li ghalkemm elenkat diversi oggetti mobbli, dan bla ebda mod ma gie sostanzjat, hlief ghal dak li hemm hawn indikat, mentri l-konvenuti evitaw li jindikaw dan, u llimitaw ruhhom biss ghal dak li

huma kkonsenjaw lill-attrici tramite l-iskrittura esebita tal-24 ta' Novembru 1994.

Illi b'hekk din il-Qorti tiddeciedi illi rigward il-basket bil-flus kontanti u d-deheb ma giex pruvat li qeghdin fil-pussess tal-konvenuti, b'hekk f'dan ir-rigward it-talba attrici qed tigi michuda. Illi pero' din il-Qorti tilqa' t-talba taghha ghal dak li jirrigwarda l-librett tal-Bank li jikkonsisti f'Stg.2056.05 United Mexican States 16.5% Loan Stock 2008. Rigward l-affarijiet l-ohra li semmiet fl-affidavit taghha ma giex pruvat li dawn qeghdin fil-pussess tal-konvenuti hlief ghal dak li jirrigwarda it-television set, il-kamra tal-pranzu tal-kewba kompluta u arlogg antik li x-xhud Lawrence Cefai qal li qeghdin ghandhom. Huwa kien il-persuna li mar ghall-affarijiet tal-attrici sabiex jigborhom minghandhom u kwindi huwa ta' min jitwemmen. Dan apparti r-rikavat tal-bejgh tal-fond imsemmi fl-ammont ta' Lm12,000, li l-imghax tieghu ghandu jigi mhallas dirattament lill-attrici b'effett mit-3 ta' Frar 1995 skond l-ittra tal-konsulent legali tal-konvenuti datata 2 ta' Frar 1995 a fol. 25 tal-process.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** bil-mod kif gej :-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-pussess tal-konvenuti hemm (i) il-librett tal-Bank li jikkonsisti f'Stg.2056.05. United Mexican States 16.5% Loan Stock 2008; (ii) television set;

(iii) kamra tal-pranzu tal-kewba kompluta; u (iv) grand father clock appartenenti lid-defunta Maria Rosa Borg li dwarhom l-attrici ghandha “ope testamentis” id-dritt tal-uzufrutt a tenur tat-testment tal-21 ta’ Jannar 1993 atti Nutar Maurice Gambin; (iv) Inoltre’ il-konvenuti zammew ghandhom ir-rikavat tal-bejgh tal-post li fuqha l-attrici hija ntitolata ghall-imghax b’effett mit-3 ta’ Frar 1995, liema rikavat jinsab depozitat f’kont bankarju lokali f’isem l-konvenuti.

(2) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess konvenuti qed izommu l-istess hwejjeg fuq elenkati u konsistenti (i) f’librett tal-Bank li jikkonsisti f’Stg.2056.05. United Mexican States 16.5% Loan Stock 2008; (ii) television set; (iii) kamra tal-pranzu tal-kewba kompluta; (iv) grand father clock (v) kont tal-bank li fih hemm depozitati r-rikavat tal-bejgh tal-fond 58 u 58A, G. Borg Olivier Street, Rabat, fl-ammont ta’ Lm12,000 kontra l-volonta’ tal-attrici bi pregudizzju ghall-jedd taghha ta’ godiment;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenuti jirrestitwixxu lill-attrici l-hwejjeg fuq imsemmija cioe’ il-kamra tal-pranzu tal-kewba kompluta, it-television set, l-grand father clock, u l-librett bankarju tal-United Mexican States fuq indikat, u dan bl-imghax relattiv mid-data tas-27 ta’ Gunju 1993, u l-imghax fuq il-kont bankarju li infetah mill-konvenuti fuq ir-rikavat tal-bejgh tal-fond 58A, G. Borg Olivier Street, Rabat, fl-ammont ta’ Lm12,000, ghandu jigi mhallas lill-attrici b’effett mit-3 ta’ Frar 1995, b’dan li l-imghax ulterjuri ghandu jigi mhallas lill-attrici in forza tad-dritt ta’ uzufrutt fuq

l-istess somma kapitali depozitata u tali imghax ghandu jigi intestat fl-istess kont bankarju fuq l-istess attrici in forza tad-drittijiet taghha fuq l-istess kif rikonoxxut mill-konvenuti tramite l-ittra legali tat-2 ta' Frar 1995.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar 1995 u tal-ittra legali tad-9 ta' Novembru 1994 u tad-9 ta' Frar 1995 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**25 ta' April 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**25 ta' April 2002.**